MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 835/2013

**Brittania Shipping International**

**(C – 36039)**

**vs**

**Alexander Konkias**

**(karta ta' l-identita` Cipriotta numru 768906CY) personalment u in rapprezentanza tal-bastiment MP Agostino Padre**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' skrittura privata datata s-6 ta' Mejju, 2013, l-intimat ikkostitwixxa ruhu debitur cert, likwidu u dovut, fl-ammont ta' sitta u sittin elf, mitejn u hamsin Ewro, (€66,250.00), rapprezentanti drittijiet ta' agenzija prestati mis-socjeta` rikorrenti lill-bastiment *MP Agostino Padre*, (ara fol 5);

1.2 Illi kwantu ghall-ewwel pagament ta' tletin elf Ewro, (€30,000.00), is-socjeta` rikorrenti gia` ottjeniet sentenza fir-rigward, (ara fol 6 *et sequitur*);

1.3 Illi l-bilanc ammontanti ghal sitta u tletin elf, mitejn u hamsin Ewro, (€36,250.00), kellu jithallas mill-intimat *proprio et nomine* sa l-ahhar ta' Gunju, 2013;

1.4 Illi ghalkemm interpellat, l-intimat *de quo* indikat fil-paragrafu precedenti baqa' inadempjenti;

1.5 Illi ghalhekk, stante li l-ammont dovut mill-intimat *de quo* hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, l-istess intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jipproduci;

1.6 Illi allura jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex din il-qorti tiddispensa mis-smiegh tal-kawza;

1.7 Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex:

1.7.1 Tikkundanna lill-intimat *de quo* jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitta u tletin elf, mitejn u

hamsin Ewro, (€36,250.00), bl-imghax mill-ahhar ta’ Gunju, 2013;

1.7.2 Illi dan isir bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-istess Kap 12 fuq indikat;

1.7.3 Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta’ Jannar, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet limitatament fir-rigward tal-fatt jekk l-istess intimat *proprio et nomine* ghandu x jirrispondi ghar-rikors guramentat promotur, (ara fol 54);

3. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat datat il-11 ta’ Frar, 2014;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

Ikkunsidrat:

5.0 Illi l-kawza odjerna tista’ tigi issa sintetikament esposta bil-mod segwenti:

5.1 Illi stante li l-intimat *de quo* ghazel li ma jipprezenta l-ebda nota kif kellu l-fakulta` li jaghmel sad-data indikata fuq l-imsemmi digriet tal-21 ta’ Jannar, 2014, ghandu jkun pacifiku li issa l-istess intimat in dizamina m’ghandu l-ebda risposta xi jwiegeb ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

6.0 Illi mill-atti prodotti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

6.1 Illi l-kontendenti kienu ilhom f'relazzjoni kummercjali bejniethom fejn l-intimat *de quo* akkumula ammont konsiderevoli ta' dejn favur is-socjeta` rikorrenti;

6.2 Illi permezz ta' skrittura privata datata s-6 ta' Mejju, 2013, il-kontendenti qablu fuq is-segwenti:

6.2.1 Illi l-intimat *de quo* accetta li hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sitta u sittin elf, mitejn u hamsin Ewro, (€66,250.00), ghal drittijiet t'agenzija kif fuq indikat;

6.2.2 Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kellu jigi rifuz lis-socjeta` rikorrenti f'zewg pagamenti kif hemm indikati, (ara fol 5);

6.2.3 Illi t-termini tal-istess pagamenti kienu wkoll hemm espressament pattwiti (ara wkoll fol 5);

6.3.4 Illi dawn il-pagamenti kellhom ikunu minghajr interessi;

6.3.5 Illi fil-kaz li l-kondizzjonijiet hawn indikati ma javverawx ruhhom, kellu awtomatikament japplika imghax ta' tmienja fil-mija, (8%);

Ikkunsidrat:

7. Illi effettivament irrizulta li l-kundizzjonijiet hekk pattwiti fl-imsemmija skrittura privata fuq indikata m'avverawx ruhhom ghaliex biex gie affettwat l-ewwel pagament kellha tigi istitwita kawza – eventwalment deciza fid-9 ta' Lulju, 2013, (ara fol 6), u sussegwentement l-istess procedura kellha tigi ripetuta ghat-tieni pagament hemm pattwit;

**DECIDE:**

8.0 Illi ghalhekk, in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u ghaldaqstant:

8.1 Tiddikjara li r-rekwiziti kollha tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gew kollha sodisfatti u konsegwentement tordna li tiddeciedi l-istess procedura bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

8.2 Tirrileva li ghalkemm l-intimat *de quo* inghata l-opportunita` jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward, baqa' inadempjenti;

8.3 Tikkundanna lill-intimat *de quo* ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitta u tletin elf, mitejn u hamsin Ewro, (€36,250.00), bl-imghax fuq l-istess ammont mit-30 ta' Gunju, 2013;

8.4 Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat *proprio et nomine*.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------